**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mark u Anna Vella

vs

Marlon Debattista - Domal

CCT 104/18/MS

05 ta' Frar 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Lulju 2018 fejn talbu r-rifuzjoni ta' €1,838, prezz ta' ghamara illi giet mixtrija minghand l-intimat, liema ghamara kienet difettuza peress illi hargilha hafna moffa.

Ra l-eccezzjonijiet ipprezentati mill-intimat fl-14 ta' Awwissu 2018, fejn filwaqt li kkonferma li r-rikorrenti xtraw l-ghamara minghandu, cahad illi dina kienet difettuza, u jekk kellha xi moffa, dana kien sforz l-ambjent fejn l-ghamara kienet qed tinzamm, u ghalhekk cahad it-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-verbal tal-20 ta' Marzu 2019 li bih il-Perit Richard Aquilina gie nominat espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrenti, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-intimat.

Ra illi l-perit Richard Aquilina pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fid-9 ta' Lulju 2019.

Ra illi fuq talba tar-rikorrenti l-perit Richard Aquilina gie eskuss fis-seduta ta' 20 ta' Novembru 2019.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Anna Vella xehdet illi xtraw ghamara minghand l-intimat f'Dicembru 2015, li giet konsenjata f'Ottubru 2016. F'Jannar 2017 bdiet tinnota xi moffa fuq l-ghamara. Ghall-ewwel farfritu imma baqa' hiereg. Cemplu lill-intimat, li ssuggerixxa illi l-moffa

titnehha bil-hall abjad. Ghamlu hekk izda wara ftit xhur regghet harget il-moffa. Wara diversi suggerimenti talbu lill-intimat jigi jara b'ghajnejh, pero' r-reazzjoni tieghu ma kenitx dik illi ppretendiet ir-rikorrenti peress illi l-intimat irrimarka "Daqshekk biss? Mhux kemm tfarfara." Pero' minkejja dan, xorta baqa' hiereg il-moffa. Gibditlu l-attenzjoni illi siggijiet u ghamara ohra mhux mixtrija minghand l-intimat ma kellhomx moffa. Jidher illi ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet. L-intimat baqa' jinsisti illi ma kienx tort tieghu u minkejja illi ssugerixxa prodott specjali u offra illi jaghmilha hu, r-rikorrenti ddecidiet illi taghmel ix-xoghol hi. Dan kien ghall-habta ta' Mejju 2017. F'Jannar 2018 regghet harget il-moffa. Ir-rikorrenti cemplet lill-intimat, illi qallha li ma seta' jaghmel xejn u r-rikorrenti marru ghand il-Konsumatur. Sussegwentement peress illi baqa' ma sarx ftehim, irikorriet ghal dawn il-procduri.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat Marlon Debattista ighid illi r-rikorrenti kienu xtraw tlieta jew erba' bicciet ghamara minghandu. Wahda minnhom inbiddlet darbtejn peress illi r-rikorrenti ilmentat minn xi panew fil-vettrina. It-tliet bicciet l-ohra zammhom fl-istore tieghu biex id-delivery isir f'daqqa, inkluz ix-xoghol li sar fuq il-vettrina. L-ghamara damet xi sena fl-istores tieghu u meta nfethu fil-presenza tal-klijenta ma kien hemm l-ebda tracci ta' umdita' fuqhom. Kien biss wara illi cemplet ir-rikorrenti biex tilmenta minn hjut bojod fuq il-vettrina. L-ewwel darba illi l-intimat mar biex jara din l-ghamara, ir-rikorrenti bdiet tghajjat mieghu u ma hallietux jidhol. It-tieni darba dahal izda r-rikorrenti ma hallietux jaqla' l-vettrrina minn mal-hajt ghax kien ser iwaqqa' l-platti izda ra xi ftit *patches* ta' moffa. L-intimat baghat il-lavrant tieghu biex inaddaf din il-moffa u wara xi oggezzjoni ir-rikorrenti hallietu jnaddaf. Xi ftit xhur wara r-rikorrenti ilmentat minn kexxun li ma setax johrog il-barra u rrizulta li dan kien simen u l-intimat irrangahulha. Ghal ftit xhur hadem tajjeb izda wara dan rega' simen. Irrefera wkoll ghal *email* mibghut minn Ronnie Galea tal-Comtec fejn spjega li l-umdita' qatt ma tigix mill-ghamara ghall-hajt izda mill-hajt ghall-ghamara. Fil-kontro-ezami, l-intimat spjega illi l-ghamara giet lesta minn barra bil-varnic b'kollox u eskluda l-possibilita' li l-moffa giet minhabba l-ispray.

Illi t-tekniku perit Richard Aquilina osserva illi t-tbajja tal-moffa indikati mir-rikorrenti kienu zghar. Dawn kienu max-xwieki tas-saqajn tal-mejda u gewwa l-vettrina u setghu jintmesshu facilment. L-espert ezamina l-hitan ghal xi umdita' permezz ta' moisture meter u r-rizultat kien fin-negattiv, pero' ikkonkluda li "mould spores are present in the air and may settle onto a surface if there is sufficient moisture." Ikkonkluda wkoll illi "il-moffa ma tohrogx minn gol-injam, izda tigi depozitata fuqu minn gol-arja li tkun umduza." Il-konkluzjoni tal-espert hija li l-moffa qed tohrog minn gol-arja li tkun umduza u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti jehtieg li tigi michuda.

Ikkunsidra

Illi hu ben saput skond il-gurisprudenza nostrana illi konkluzjoni ta' espert tekniku nominat

minn Qorti jew Tribunal ma tistax tigi mwarrba kapriccozament minghajr almenu ma jkunx hemm rapporti ohra li jikontradixxu ir-rapport tal-espert tekniku. Fl-eskussjoni tieghu l-perit Aquilina zamm ferm mar-rapport tieghu ghad illi ma setax jaghti risposta ghaliex certa ghamara hargitilha l-moffa u ohra le.
Fic-cirkostanzi, t-Tribunal m'ghandux dik ic-certezza morali sabiex jasal ghal konkluzjoni favur it-tezi tar-rikorrenti, anzi fin-nuqqas ta' rapporti li b'xi mod jikontradixxu ir-rapport tat-tekniku u moghni biss bir-rapport tieghu, kif korroborat bl-*email* ta' Ronnie Galea tal-Comtec , it-Tribunal ihoss li jkun irresponsabbli u bla bazi jekk jidipartixxi mill-konluzjoni tal-espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru